Minuti tal-Laqgħa Nru. 45 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Proġett Leader, GAL Xlokk
5. Mozzjonijiet
6. Kumitat Amministrattiv
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Psaila ġibed l-attenzjoni li kien hemm id-data tal-laqgħa preċedenti li kienet ħażina u kellha bżonn tiġi rranġata.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti kienu moqrija u ma kienx hemm punti mqajjma.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ġie avviċinat mill-Green Pak li bħalissa qed jagħtu servizz ta' ġbir ta skart separat lil-lokalita peress li l-ftehim eżistenti issa wasal biex jiskadi u staqsew lill-Kunsill jekk jixtieqx ikompli juża s-servizz tagħhom. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk hux qed issibu problema bis-servizz li qed toffri din il-kumpanija u dawn ma sabe l-ebda oġġezzjoni. Kien hemm qbil għalhekk mill-Kunsill li jerġa jiġi mġedded il-kuntratt għal sena oħra ma l-istess kumpanija.

3.2 Is-Segretarju semma li se ssir il-laqgħa tas-Sindki għas sena d-dieħla. Is-Sindku qal biex għalhekk timtela l-applikazzjoni biex ikun jista' jattendi għal laqgħa.

3.2 Is-Segretarju ressaq ukoll lista tal-appliakzzjonijiet ġodda tal-MEPA li daħlu mil-laqgħa preċdenti l' hawn, u għaddihom lil Kunsillier Psaila.

3.3 Kien hemm proposta dwar jekk hux possibli li jsiru tlett parking bays biswit il-Carly's. Is-Sindku wieġeb li dawn għandhom jsiru.

3.4 Is-Sindku semma li qed tkun tal-mistħija li qed ikun hemm vetturi li qed jitilgħu fuq il-bankina l-ġdida li għadha kif saret mill-Kunsill fi Triq Sant' Andrija. Huwa semma li darba minhom huwa stess sab li kien hemm il-vetturi ipparkjati hemm u kellem lil Pulizija peress li dawn kienu qed jiksru r-Regolamenti tat-traffiku. Huwa appella waqt il-laqgħa biex tiġi osservata aktar il-liġi u jiġi evitati spejjeż żejda lil Kunsill, inkella jittieħdu miżuri drastiċi. Huwa ħeġġeġ lil Kunsilliera sabiex jagħmlu bħalu jekk jaraw dawn il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri saqsa, il-Kunsill x' għandu x jaqsam mal-manutenzjoni tal-camera li tinsab fi Triq Dun Pawl. Is-Sindku wieġeb li din qiegħda hemm peress li min stħarriġ li sar min naħa tal-ADT kien hemm il-bżonn li tiġi installata CCTV camera li min naħa tal-BOV għamlu tajjeb għall ispejjeż. Huwa qal lil Kunsilliera li "dan intom tafuh għax ġiet approvata minkom stess. Barra min hekk il-Kunsill ħa ħsieb illi jagħmel sinjali illi jindikaw li hemm CCTV camera kif ukoll għamel sign quddiem ATM li turi illi ħadd m' għandu jieqaf i jipparkja quddiem il-BOV. Dan għamlu sabiex il-pubbliku ikun infurmat u ma jeħilx multi bla bżonn."

## 4.0 PROĠETT LEADER, GAL XLOKK

4.1 Is-Sur. Mario Salerno ippreżenta ruħu quddiem il-Kunsill bħala l-President tal-GAL Xlokk. Huwa ppreżenta lis-Sur. Silvio Schembri bħala l-manager li qed jieħu ħsieb il-fondazzjoni. Is-Sur. Salerno semma li l-iskop ta din il-Fondazzjoni hija biex ir-Reġjuni li jifformaw parti minnha jkunu aktar rikonoxuti u magħrufin. Dan jista jsir billi jkun hemm attivitajiet li jippromwovu l-lokalitajiet. Dawn il-Gruppi t' Azzjoni Lokali huma ffurmati min numru ta gvernijiet Lokali u anki entitajiet privati. Mill-bidu tal-GAL Xlokk diġa kien hemm xi membri li kienu hemm, imma issa hemm oħrajn li jixtiequ li jibdew jiffurmaw parti biex anki jiggwadanjaw mill-fondi.

4.2 Is-Sur. Schembri kompla jelabora fuq din il-Fondazzjoni fejn semma li se jkun hemm numri ta fondi li jittrataw fuq diversi skemi li huma magħrufa bħala sub measures. Dawn is-sub measures joħorġu min żmien għal żmien.

4.3 Is-Sur. Schembri semma wkoll li bħala Fondazzjoni saru laqgħat fil-lokalitajiet kollha fejn hemm membri li jiffurmaw parti. Huwa semma wkoll li llum hemm lokalitajiet oħra li jridu jiffurmaw parti min din il-Fondazzjoni. Wara li saru dawn il-laqgħat ġiet iffurmata aġenda fejn tniżżlu l-bżonnijiet tal-lokalitajiet biex fuqhom issiru il-calls għal fondi. Semma wkoll li saret SWOT analysis biex b' hekk issir evalwazzjoni tajba fejn jinħarġu id-dgħjufijiet u 'strenghts' tal-proġetti. Min wara dan l-eżerċizzju kienet iffurmata strateġija u mressqa għal approvazzjoni lil entitajiet tal-Unjoni Ewropea. Is-somma li hemm f' kull call trid tinqasam mal-lokalitajiet li jkunu qed japplikaw għal dik il-call partikulari.

4.4 Is-Sur. Schembri semma li se jkun hemm miżata għal dawk il-membri tal-GAL Xlokk. Is-Sur. Schembri semma li biex il-GAL ikun jista jiġbor din il-miżata huwa informa lis-Sur. Martin Bugelli li huwa Direttur Ġenerali fuq il-Kunsilli Lokali.

4.5 Is-Sur. Schembri semma wkoll li jekk ikun hemm membri ġodda l-formola trid terġa tinħadem biex tinkludi dawn il-membri l-ġodda. Huwa spjega li aktar ma jkun hemm membri fil-GAL aktar hemm iċ-ċans li nkunu nistgħu nieħdu fondi. Semma wkoll li l-program LEADER jiffoka fuq l-aspett rurali li għal każ tagħna huwa importanti.

4.6 Is-Sur. Schembri semma li hemm madwar € 100 milljun li huma allokati taħt diversi measures fejn il-Kunsilli jistgħu jibbenefikaw min dawn il-fondi meta huma jissottometu l-applikazzjoni tagħhom. Huwa spjega li l-program LEADER għandu bottom up approach fejn l-ewwel attenzjoni li tingħata tkun lil-poplu u lil min jista jibbenefika mill-fondi. Biex wieħed ikun jista japplika fil-LEADER irridu jinħolqu l-Local Action Groups bħal f' dan il-każ huwa l-GAL Xlokk. Is-Sur. Schembri semma li Ħal Luqa peress li hawn fiha żoni kbar li huma rurali għandha ċansijiet kbar li tista' tibbenefika fuq dawn il-fondi. Is-Sur. Schembri semma li għal dan il-punt irrid ikun hemm ħidma bejn il-Kunsilli u s-settur privat biex il-proġetti jinħadmu professjonali.

4.7 Is-Sur. Schembri semma wkoll li hemm Decision Committee li tevalwa l-applikazzjonijiet li jkunu mressqa u jkunu miżgħuna sewwa. Hemm ukoll il-Managing Authority li talbet biex il GAL Xlokk itella' l-kapital tiegħu biex jkun jista' jaħdem. Li jkun hemm kapital huwa importanti wkoll għal GAL biex ikun hemm likwidita. Il-GAL ħadem il-formola u ħareġ bl idea li jkun hemm miżata kif inhi imsemmija hawn fuq biex minhom ikun jista jopera l-GAL.

4.8 Is-Sur. Schembri semma li fost dawn il-miżuri hemm miżura 313 li l-ammont ta fondi li hemm fuq din il-miżura jammonta għal € 1.5 miljun biex jinqasmu bejn il-membri. Huwa spjega

wkoll li xi wħud min dawn il-miżuri se jagħtu branding lil lokalitajiet. Se jkun hemm kalendarju li fuqu jitellgħu lista tal-attivitajiet kulturali li se jsiru fil-lokalitajiet.

4.9 Il-Kunsillier Caruana saqsa lis-Sur. Schembri jekk il-membri humiex qed jirċievu min issa dawn il-fondi.Is-Sur. Schmebri semma li s' issa ħadd għadu ma ngħata xejn peress li għandhom ma bdewx ħerġin it-talbiet. Is-Sur. Schembri wieġeb li se jibda jkun hemm rendikont kull xahar fuq kif qed issir it-tqassim u l-infiq ta' dawn il-fondi. Huwa spjega li dawn hemm superviżjoni rigoruża mill-aġenziji tal-Unjoni Ewropea.

4.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta se jkunu qed joħorġu l-miżuri biex aħna napplikaw għalihom. Is-Sur. Schembri wieġeb li previst biex joħorġu fi Frar u li huwa lest li jagħti l-għajnuna neċessarja biex issir l-applikazzjoni.

4.11 Bħala idea is-Sur. Schembri semma li t-turisti jistgħu jżuru Ħal Luqa qabel ma dawn jitilqu minn Malta. Huwa semma li b idea bħal din aħna nistgħu nġibu aktar flus lejn il-lokalita peress li jkun hawn it-turisti li anki joħolqu kummerċ fil-lokalita. Il-Kunsill se jkun dejjem infurmat meta joħorġu dawn il-miżuri biex aħna nkunu nistgħu napplikaw.

4.12 Il-Kunsillier Psaila staqsa jekk Kunsilli oħra humiex se jkunu qed iħallsu miżata bħalna. Is-Sur. Schembri wieġeb li anki Kunsilli oħra se jħallsu miżata u fuq din hemm approvazzjoni min naħa tad-Dipartiment. Huwa qal ukoll li bħala miżata l-Kunsill se jħallas anqas min kemm se jibbenefika. Hemm ukoll ippjanat li l-quddiem tista' tintalab exit fee lil dawk il-Kunsilli li ma jkunux jridu jibqgħu jiffurmaw aktar parti mill-GAL Xlokk. Il-membership torbot lil Kunsill għal 5 snin. Wara id-diskussjoni huwa rringrazzja lil membri tal-Kunsill u awgura l-kumplament tas-sena t-tajba lil kulħadd.

## 5.0 MOZZJONIJIET

5.1 Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni li kienet issekondata mis-Sindku rigward il-membership tal-GAL Xlokk. Din il-mozzjoni ġiet approvata b' vot unanimu.

5.2 Kien hemm ukoll mozzjoni fuq l-ikla tal-Milied li kienet imressqa mill-Kunsilliera Massa. Il-mozzjoni għaddiet b' vot unanimu. Is-Sindku talab ukoll lis-Segretarju biex jimxi skont Memo 122/2010.

## 6.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV, ĦAL FARRUĠ

6.1 Is-Segretarju semma li saret laqgħa mal-Housing Authority fejn huma infurmawna li se jkun hemm skema imneddija is-sena d-dieħla li tikkonċerna lil postijiet li jiffurmaw parti mill-binjiet tal-Gvern. Huwa semma li aħna bħala Kunsill se nkunu eliġibli biex nkunu nistgħu napplikaw għaliha.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti li kien hemm għax xahar ta' Diċembru.

7.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-vann tal-Kunsill kienx imħallas kollu. Is-Segretarju wieġeb li dan kien imħallas kollu, skont l-opinjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u filfatt wieħed jista' jara invoice ta dan il-payment.

7.3 Il-lista tal-pagamenti kienet approvata mill-Kunsill b' vot unanimu.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet fi tmiemha it-Tnejn 20 ta' Diċembru fis-6.30 p.m. Ma kienx hemm data miftiehma għal laqgħa tax-xahar ta' Jannar.

Konfermati llum ________________________ 2010.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |